# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Ibrahim Mohammad**

**Illum, 28 ta' Lulju, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Ibrahim Mohammad, detentur tal-karta ta' l-identità Maltija bin-numru 9001443A, li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Settembru 2019, ghal habta tal-14.15hrs gewwa Triq il-Belt Valletta, Hal Qormi, u f' dawn il-gzejjer:

1. Ikkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Badr Abou Snaima u/jew persuna ohra skont kif iccertifika Dr Samuel Attard Med Reg 6051;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli meta ghamel hsara, liema hsara ma tkunx tiskorri EUR 2,500, izda hija izjed minn EUR 250 ghad-detriment ta' Stephen Formosa u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli meta ghamel hsara, liema hsara ma tkunx tiskorri EUR 2,500 izda hija izjed minn EUR 250 ghad-detriment ta' George Cilia u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta fuqu mill-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LLD li inghataw fit-23 ta' Gunju 2019, u cioe' li ma jaghmilx reat iehor ta' natura volontarja;

5. Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka helsien mill-arrest tal-imsemmi Ibrahim Mohammad u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll trodna li s-somma ta' EUR 5500, imposta fuqu bhala garanzija personali mill-istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech LLD nhar it-30 ta' Jannar 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation moghtija mill-Qorti ta' Malta ppreseduta mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech LLD, nhar it-30 ta' Jannar 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C, fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Badr Abou Snamia, u kif ukoll il-postijiet li t-tali persuna tiffrekwenta.

Finalment, gie akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

F' din il-kawza, tressqu bhala xhieda, Stephen Formosa. Dan kellu vettura fil-pussess tieghu pparkjata, izda gie kkomunikat mieghu mill-Pulizija, li l-vettura tieghu kienet allegatament, garrbet xi hsarat, in vista' ta' glieda li kienet sehhet fit-triq fejn giet ipparkjata din il-vettura. Ix-xhud, Stephen Formosa, spjega li huwa ma kienx prezenti waqt il-glieda, u ghalhekk, ma setax jixhed dwar min kien ikkaguna dawn il-hsarat fil-vettura tieghu. L-unika haga li seta' jikkonferma Stephen Formosa kienet, li meta pparkja din il-vettura tieghu, ma kellhiex il-hsarat li mbaghad osserva wara li gie nfurmat mill-Pulizija dwar x'kien gara.

Tressaq ukoll George Cilia, li huwa sid tal-parti tal-parapett li allegatament twaqqa' waqt il-glieda. Dan ukoll ikkonferma li huwa ma jafx min ikkaguna tali hsarat, u sostna li ghalkemm waqt li kien qed isuq, ra zewg persuni jiggieldu, huwa ma kienx f'pozizzjoni li jaghraf min kienu dawn il-persuni nvoluti. Ix-xhud spjega wkoll li l-parapett kien già gie mwaqqa' precedentement, kagun ta' incident iehor, u ghalhekk huwa ma kellux interess li jiehu passi dwar il-hsarat li allegatament gew ikkagunati permezz ta' din il-glieda.

Badr Abou Snaima baqa' qatt ma xehed.

Xehdet ukoll WPS1661 Tania Camilleri, li ma kinitx prezenti waqt l-incident, u li fost ohrajn, sostniet li l-allegata vittma kien gharaf lill-imputat meta dan ingieb l-Ghassa bhala l-aggressur tieghu.

Il-Qorti qieset ukoll dak li ntqal mill-imputat fl-istqarrija ezebita.

**Ikkunsidrat**

Minn evalwazzjoni tax-xhieda u dokumenti prodotti, din il-Qorti ma tinsabx konvinta li l-Prosekuzzjoni resqet provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, dwar l-imputazzjonijiet imressqa. Ix-xhud principali, u cioè Badr Abou Snaima, qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Lanqas ma gie pprezentat xi certifikat dwar l-allegati griehi li sofra Badr Abou Snaima. Ix-xhieda l-ohra li taw il-verzjoni taghhom, ma kinux prezenti waqt l-incident. Ghalhekk, din il-Qorti tqies li l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, ma gewx ippruvati lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Per konsegwenza, lanqas il-kumplament tal-imputazzjonijiet ma gew ippruvati.

**Decide**

Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, ma ssibx lil Ibrahim Mohammad hati, u per konsegwenza, tilliberah minn kull kundanna u htija.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Registratur